

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma’ partijiet privati, tal-ipproċessar ta’ data personali mill-Europol b’appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni”**

(COM(2020) 796 final — 2020/0349 (COD))

(2021/C 341/10)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 24.2.2021
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	26.5.2021
Adottata fil-plenarja	9.6.2021
Sessjoni plenarja Nru	561
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	233/2/3

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-mandat tal-Europol sakemm dan itejjeb is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data u l-kapaċitajiet ta’ riċerka. Dan ser jgħin biex tingħata spinta lill-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-attività terroristika u tissaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija fl-Istati Membri tal-UE biex jiġu protetti ċ-ċittadini.

1.2. Il-KESE jilqa’ wkoll il-kooperazzjoni proposta min-naħa tal-Europol ma’ pajjiżi terzi, li tippermetti l-kooperazzjoni ma’ partijiet privati jew operaturi, b’mod partikolari fir-rigward tal-iskambju tad-data. Il-KESE huwa tal-fehma li l-operaturi privati għandu jkollhom punt ta’ kuntatt fil-livell tal-UE fejn jistgħu jirrapportaw informazzjoni li tista’ tkun rilevanti għall-investigazzjonijiet kriminali. Il-proposta tal-Kummissjoni ser tindirizza dan in-nuqqas.

1.3. Il-KESE jilqa’ wkoll il-proposta tal-Kummissjoni peress li għandha l-għan li tappoġġja lill-awtoritajiet għall-prevenzjoni tal-kriminalità biex isibu soluzzjonijiet innovattivi għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali u jlaħħqu max-xenarju li qed jevolvi. Il-proposta ser tiżviluppa wkoll il-kompetenza u l-kapaċitajiet ta’ riċerka tal-Europol u tal-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi.

1.4. Il-KESE jenfasizza li t-tisħiħ tal-kapaċità tal-Europol għandu jinvolvi li tingħata prijorità lill-investigazzjonijiet transfruntiera, b’mod partikolari fir-rigward ta’ attacchi serji kontra l-informaturi u l-ġurnalisti investigattivi, li jaqdu rwol essenzjali fl-esponiment tal-korruzzjoni, il-frodi, il-ġestjoni ħażina u għemil ħażin ieħor fis-setturi pubbliċi u privati.

1.5. Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li m’hemm l-ebda tħassib fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet fundamentali fl-ipproċessar tad-data. Għall-kuntrarju, leġiżlazzjoni aġġornata u armonizzata tippermetti eżami aktar effettiv tal-kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data, filwaqt li tilħaq bilanċ mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-Istati Membri individwali u tal-UE.

1.6. Bħalissa, il-Europol ma tistax tipprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri direttament u f’ħin reali b’informazzjoni dwar attivitajiet kriminali miksuba minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Għalhekk, l-emendi tal-proposta jfittxu li jindirizzaw dan in-nuqqas fis-sigurtà u jholqu kategorija ġdida ta’ twissija għall-użu esklussiv mill-Europol f’ċirkostanzi definiti. Il-KESE għalhekk jilqa’ l-ħolqien ta’ kategorija ġdida ta’ twissija biex tiġi appoġġjata s-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen.

1.7. It-tisħiħ tas-setgħat u tar-riżorsi tal-Europol jinvolvi impenn għall-effiċjenza minħabba li l-iskala tippermetti sforzi kosteffettivi. Il-KESE jqis li ż-żieda proposta fil-baġit tal-Europol hija reazzjoni pożittiva sabiex iċ-ċittadini tal-UE jkomplu jiġu protetti kif ukoll sabiex titkompla tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Madankollu, huwa jistenna li din iż-żieda tkun riflessa fin-numru ta' persunal operattiv fil-Europol u fl-effettività organizzattiva mtejba.

1.8. B'mod ġenerali, il-KESE huwa tal-fehma li l-proposti huma pass fid-direzzjoni t-tajba billi jestendu r-rwol tal-Europol fir-rispons għal sitwazzjonijiet li qed jevolvu. Madankollu, il-ħidma tal-Europol xorta se tiddependi ħafna fuq l-attivitajiet u l-azzjonijiet tal-Istati Membri u d-data miġbura mill-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Għalhekk, u speċjalment fil-kuntest ta' ambjent dejjem aktar globalizzat, jista' jkun pertinenti li wieħed jistaqsi jekk wasalx iż-żmien li l-Europol titħalla taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess.

1.9. F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen ukoll li jista' jkun hemm bżonn li fil-futur jittieħdu passi aktar kuraġġużi biex jiġu estenzi l-mandat u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Europol. Kif jirrikonoxxu l-proposti, il-kriminalità organizzata saret aktar sofistykata u l-aktar networks kriminali perikolużi qed isiru dejjem aktar transnazzjonali. Hekk kif il-kriminalità organizzata tevolvi kontinwament, il-mandat tal-Europol se jkun jeħtieġ li jiġi adattat biex issir attur saħansitra aktar ċentrali fis-sigurtà Ewropea.

1.10. Huwa għalhekk li l-KESE jirrakkomanda, fxi stadju, reviżjoni indipendenti tar-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Europol. Ir-rieżami jinvestiga wkoll kif il-prattiki nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-proċessi tal-ġbir ta' data jħallu impatt fuq l-analiżijiet ipprovduti mill-Europol. Tali rieżami jqis ukoll il-fehmiet tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali kif ukoll ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

## 2. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea

2.1. Bi tweġiba għat-theddid għas-sigurtà li qed jiżdied, b'mod partikolari dak li ġej mill-organizzazzjonijiet kriminali, fid-9 ta' Diċembru 2020 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' data personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

2.2. Il-proposta tipprova tindirizza dawn il-kwistjonijiet ewlenin:

- (i) Tippermetti lill-Europol tikkopera b'mod effettiv ma' partijiet privati;
- (ii) Tippermetti lill-Europol tappoġġja lill-Istati Membri fl-analiżi ta' settijiet ta' data kbar u kumplessi (big data);
- (iii) Tippermetti lill-Europol titlob li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jibdedu, imexxu jew jikkoordinaw l-investigazzjoni ta' reat li jaffettwa interess komuni kopert minn politika tal-UE, irrISPettivament mid-dimensjoni transfruntiera tar-reat.

2.3. Il-Kummissjoni tara wkoll ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Europol mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) kif ukoll ma' pajjiżi terzi. Ir-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni, il-qafas tal-protezzjoni tad-data tiegħu, u s-sorveljanza parlamentari tiegħu se jissaħħu wkoll.

2.4. Sa fejn hija kkonċernata kooperazzjoni msaħħa ma' partijiet privati, il-proposta tistabbilixxi regoli biex il-Europol tiskambja data personali ma' partijiet privati (sabiex l-aġenzija tkun tista' tirċievi data personali mingħandhom), tinformahom dwar informazzjoni nieqsa, u titlob lill-Istati Membri jitolbu li partijiet privati oħra jikkondividu informazzjoni addizzjonali.

2.5. Ir-regoli jintroduċu wkoll il-possibbiltà li l-Europol taġixxi bħala kanal tekniku għall-iskambji bejn l-Istati Membri u l-partijiet privati. Sabiex ittejjeb ir-rispons għall-kriżijiet, regoli oħra se jirregolaw l-appoġġ lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tat-tixrid fuq skala kbira ta' kontenut terroristiku permezz ta' pjattaformi online (relatat ma' avvenimenti attwali jew reċenti li juru ħsara għall-ħajja jew għall-integrità fiżika jew li jinstigaw ħsara imminenti għall-ħajja jew għall-integrità fiżika).

2.6. Sabiex tkun tista' tipproċessa settijiet ta' data kbar u kumplessi, il-Kummissjoni beħsiebha tintroduċi l-possibbiltà li ssir preanalizi tad-data personali, bl-uniku skop li jiġi ddeterminat jekk tali data taqax fid-diversi kategoriji ta' suġġetti tad-data u hijiex marbuta ma' reat.

2.7. Sabiex tappoġġja b'mod effettiv l-investigazzjonijiet kriminali fl-Istati Membri jew mill-UPPE, f'ċerti każijiet, il-Europol tkun tista' tipproċessa data li l-awtoritajiet nazzjonali jew l-UPPE kisbu fil-kuntest tal-investigazzjonijiet kriminali – f'konformità mar-rekwiżiti proċedurali u s-salvagwardji applikabbli skont il-liġi kriminali nazzjonali. Għal dan il-għan, il-Europol tkun tista' tipproċessa (u taħżen fuq talba) id-data kollha li tinsab ffajl ta' każ investigattiv ipprovdut mill-Istat Membru jew mill-UPPE għat-tul ta' żmien tal-appoġġ tal-aġenzija għal dik l-investigazzjoni kriminali speċifika.

2.8. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll il-ħolqien ta' kategorija ġdida ta' twissija tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Din il-proposta hija bbażata fuq il-fatt li l-Europol ma tistax tipprovdri lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri direttament u f'ħin reali b'informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali dwar persuni li jkunu ġew suspettati jew misjuba ħatja ta' reati kriminali u terroristiċi.

2.9. Minn perspettiva baġitarja, il-proposta tistma li se jkunu meħtieġa baġit addizzjonali ta' madwar EUR 180 miljun u madwar 160 pożizzjoni addizzjonali għall-perjodu 2021-2027 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Is-sigurtà tal-Ewropa fl-oqsma kollha ta' attività tagħha, kemm jekk privati kif ukoll jekk pubbliċi, qed tiffaċċja theddid għas-sigurtà li qed jevolvi u jsir dejjem aktar kumpless. It-trasformazzjoni diġitali, it-teknoloġija avvanzata, u l-faċilità li biha l-kriminali jistgħu jeżegwixxu attivitajiet kriminali permezz tal-Internet aċċelleraw l-attivitajiet kriminali fl-Ewropa u madwar id-dinja, bl-inċidenza taċ-ċiberkriminalità li qed tiżdied b'mod esponenzjali.

3.2. It-terroriżmu għadu theddida sinifikanti għal-libertà u għall-mod ta' ħajja tal-UE u taċ-ċittadini tagħha. Il-kriżi tal-COVID-19 qawwiet tali theddid, bl-organizzazzjonijiet kriminali jisfruttaw il-kriżi u jadattaw il-modi ta' operazzjoni tagħhom jew billi jiżviluppaw attivitajiet kriminali ġodda.

3.3. Dawn it-theddidiet għas-sigurtà li qed jevolvu jitolbu appoġġ effettiv fil-livell tal-UE għall-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Dawn it-theddidiet jinfirxu lil hinn mill-fruntieri, jinvolvu varjetà ta' reati u jidhru fi gruppi tal-kriminalità organizzata li jinvolvu ruħhom ffirxa wiesgħa ta' attivitajiet.

3.4. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, azzjoni fil-livell nazzjonali biss mhijiex biżżejjed biex tindirizza dawn l-isfidi għas-sigurtà transnazzjonali u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri saru jużaw dejjem aktar l-appoġġ u l-għarfien espert li l-Europol, l-aġenzija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, toffri għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

3.5. Il-Europol hija ċ-ċentru ewlieni għall-appoġġ fil-livell tal-UE lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. L-aġenzija toffri appoġġ u għarfien espert lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni ta' reati serji li jaffettwaw żewġ Stati Membri jew aktar u fil-ġlieda kontrihom, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-UE. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Europol tal-2016, l-importanza operazzjonali tal-kompiti tal-aġenzija nbidlet b'mod sostanzjali u l-appoġġ operazzjonali tagħha komplja jiżdied, bil-Europol issa tagħmel parti minn kważi kull investigazzjoni ewlenija kontra t-terroriżmu fl-UE.

3.6. Fl-isfond ta' theddid għas-sigurtà transfruntier li qed jevolvi u jsir dejjem aktar kumpless, b'konfini mhux ċari bejn id-dinja fiżika u dik diġitali kif ukoll it-theddida għolja residwa tat-terroriżmu fl-Ewropa, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-ħiliet u l-għodod tal-Europol biex l-Istati Membri jiġu appoġġjati b'mod effettiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu jitqiesu kemm bħala rispons pożittiv kif ukoll f'waqtu.

### 4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-mandat tal-Europol peress li l-proposta tfittex li ġoġb magħha salvagwardji mtejba tal-protezzjoni tad-data u ssaħħaħ ir-rwol tal-Europol f'termini ta' riċerka.

4.2. Il-KESE jilqa' wkoll il-kooperazzjoni operazzjonali proposta ma' pajjiżi terzi, li tippermetti l-kooperazzjoni ma' partijiet privati, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskambju tad-data. Il-KESE ma jqisx li l-proposta li tippermetti l-kooperazzjoni ma' partijiet privati hija sproporzjonata. Għall-kuntrarju, il-proposta hija meqjusa pjuttost meħtieġa minħabba l-evoluzzjoni kostanti tal-kriminalità internazzjonali bl-użu tal-Internet u l-apparati portabbli. L-organizzazzjonijiet kriminali saru jużaw dejjem aktar servizzi transfruntieri offruti minn partijiet privati sabiex jikkomunikaw u jwettqu

attivitajiet illegali. Madankollu, l-operaturi privati bħalissa ma għandhomx punt ta' kuntatt fil-livell tal-UE fejn jistgħu jirrapportaw informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-investigazzjoni kriminali. Din il-proposta tfittex li tindirizza dan in-nuqqas. Fil-fatt, l-emenda leġiżlattiva tippermetti lill-Europol taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt u teżamina, b'mod ċentralizzat, ir-reat jew il-każ li jkun qed jiġi investigat mill-Istat(i) Membru(i). Dan l-arranġament jippermetti l-iżvilupp tal-kooperazzjoni meħteġa bejn il-Europol u l-partijiet privati.

4.3. L-emendi jipproponu li l-Europol għandu jkollha rwol ewlieni fl-assistenza lill-Istati Membri biex jiżviluppaw soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, li jkunu ta' benefiċċju għall-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi madwar l-UE. L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi hija parti importanti mill-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet għall-prevenzjoni tal-kriminalità jlaħħqu max-xenarju li qed jevolvi. Dan jista' jsir biss permezz ta' riċerka koordinata. Għalhekk, il-KESE jappoġġja r-rwol proattiv tal-Europol fl-għoti ta' appoġġ ċentralizzat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri (i) fl-identifikazzjoni ta' innovazzjonijiet u (ii) fl-iżvilupp tal-kompetenza u l-kapaċitajiet ta' dawn l-awtoritajiet, bl-użu ta' teknoloġiji u innovazzjonijiet żviluppatti fl-UE nnifisha, minflok ma jirrikorru għal soluzzjonijiet ta' sigurtà miksuba minn pajjiżi terzi.

4.4. Sa fejn hija kkonċernata l-protezzjoni tad-data tal-individwi, il-bidliet għandhom l-għan li jiżguraw b'mod effettiv li l-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet fundamentali fl-ipproċessar ta' tipi differenti ta' data jiġu rrispettati bis-sħiħ. Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li l-ipproċessar ta' data personali diġà huwa rregolat b'mod strett ħafna u, għalhekk, ma hemm l-ebda kwistjoni li għandha tiġi nnutata. Għall-kuntrarju, il-leġiżlazzjoni aġġornata u armonizzata tippermetti eżami aktar effettiv tal-kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data, filwaqt li tilħaq qawwi mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-Istati Membri individwali u tal-UE kollha kemm hi.

4.5. Il-KESE jinnota wkoll li bħalissa l-Europol ma tistax tipprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri direttament u f'ħin reali b'informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali dwar persuni li jkunu ġew suspettati jew misjuba ħatja ta' reati kriminali u terroristiċi. Għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni tfittex li tindirizza dan in-nuqqas fis-sigurtà. Il-KESE jilqa' dan, flimkien mal-ħolqien ta' kategorija ġdida ta' twissija għall-użu esklussiv mill-Europol f'każijiet u ċirkostanzi speċifiċi u definiti sew.

4.6. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li l-Kummissjoni jista' jkollha bżonn tieħu passi saħansitra aktar kuraġġużi fil-futur biex twessa' l-mandat u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Europol. Kif jirrikonoxxu l-proposti, il-kriminalità evolviet u l-aktar networks kriminali perikolużi qed isiru dejjem aktar transnazzjonali. Din hija r-raġuni għaliex il-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi Ewropej u l-forzi tal-pulizija huma importanti. Huwa essenzjali li maż-żmien il-mandat tal-Europol jiġi adattat biex issir attur saħansitra aktar ċentrali fis-sigurtà Ewropea.

4.7. Il-KESE jenfasizza li t-tiżiħ tal-kapaċità tal-Europol għandu jinvolvi li tingħata prijorità lill-investigazzjonijiet transfruntiera, b'mod partikolari fir-rigward ta' attacchi serji kontra l-informaturi u l-ġurnalisti investigattivi, li jaqdu rwol essenzjali fl-esponiment tal-korruzzjoni, il-frodi, il-ġestjoni ħażina u għemil ħażin ieħor fis-setturi pubbliċi u privati. Dan huwa konsistenti mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Lulju 2020, li tirreferi għal mandat aktar b'saħħtu biex l-Europol tkun tista' titlob it-tnejja ta' investigazzjonijiet transfruntiera f'każijiet ta' attacchi serji kontra informaturi u ġurnalisti investigattivi<sup>(1)</sup>.

4.8. Il-KESE jemmen li t-tiżiħ tas-setgħat tal-Europol jimplika impenn għall-effiċjenza minħabba li l-iskala tippermetti sforzi kosteffettivi. It-tiżiħ ulterjuri tal-mandat tal-Europol u ż-żieda fir-riżorsi tagħha huma hteġa biex is-soċjetà Ewropea tħossha u tkun protetta.

4.9. Billi jkompli jsaħħaħ il-mandat tal-Europol, il-KESE jimplika tiżiħ ulterjuri tal-koordinazzjoni bejn l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-Europol, b'din tal-aħħar tafferma ruħha bħala ċentru għall-analiżi u l-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, il-leġiżlazzjoni proposta titqies bħala pass fid-direzzjoni t-tajba. Il-koordinazzjoni bejn il-Europol u l-Istati Membri hija kruċjali għal dan kollu u l-proposti jipprovdu bażi b'saħħitha għal koordinazzjoni msaħħa.

(1) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2020 dwar politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu (2020/2686(RSP)).

4.10. Madankollu, l-attività kriminali ma tirrispettax il-fruntieri u, f'ambjent dejjem aktar globalizzat, il-KESE jqajjem il-kwistjoni ta' jekk wasalx iż-żmien li l-Europol titħalla taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess. Il-Europol għandu jkollha dritt li tibda investigazzjonijiet u li teżegwixxi b'mod proattiv l-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi fl-Istati Membri? Bħalissa dan mhuwiex permess iżda l-iżviluppi fl-attività kriminali jistgħu jeħtieġu dibattitu dwar jekk l-investigazzjonijiet kriminali fuq skala usa' għandhomx jinbnew mill-Europol.

4.11. Kif iddikjarat, il-proposti huma pass fid-direzzjoni t-tajba billi jestendu r-rwol tal-Europol biex twieġeb għal sitwazzjonijiet li qed jevolvu, iżda l-ħidma tal-Europol xorta se tiddependi ħafna fuq l-attivitajiet u l-azzjonijiet tal-Istati Membri u d-data miġbura mill-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Għalhekk, il-KESE jqis li reviżjoni indipendenti tal-effikaċja tal-Europol fit-twettiq tal-kompiti u l-attivitajiet tagħha (li sa ċertu punt jiddependu wkoll fuq l-effettività tal-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi) tkun rilevanti ħafna. Ir-rieżami, possibbilment imwettaq minn grupp żgħir ta' membri għolja rtirati tal-ġudikatura u tal-forzi tal-pulizija, jeżamina wkoll kif il-prattiki nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-ġbir ta' data jaffettwaw l-analizzjiet u l-valutazzjonijiet prodotti mill-Europol, u kif dan min-naħa tiegħu jaffettwa l-attività nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Tali rieżami jeħtieġ ukoll li jqis il-fehmiet tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, speċjalment dawk il-gruppi u l-individwi li l-ħajja tagħhom tista' tiġi affettwata ħażin jew b'mod mhux ġustifikat mill-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi.

Brussell, id-9 ta' Ġunju 2021.

Christa SCHWENG  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

---